# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Maurice Curmi]

vs

Raymond Galea

Kumpilazzjoni Numru: 1310/2011

Illum, 13 ta’ Jannar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Raymond Galea** detentur tal-karta tal-identità numru 221858M akkuzat:

1. Talli f'Awwissu 2006 il-quddiem, f'dawn il-Gzejjer, fil-kapacità tieghu personali kif ukoll bhala Direttur tas-socjetà *Island Promotions Limited*, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioè cirka €65,921.00, ghad-detriment ta' Paul Camilleri detentur tal-karta tal-identità numru 630860M u Josanne Camilleri detentrici tal-karta tal-identità numru 524265M, ai termini tal-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioè is-somma ta' aktar minn elfejn

**tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioè cirka €65,921.00, ghad-detriment ta' Paul Camilleri detentur tal-karta tal-identità numru 630860M u Josanne Camilleri detentrici tal-karta tal-identità numru 524265M, ai termini tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmintax (18) ta' Lulju tas-sena 2012 fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:

1. Fl-artikoli 308, 309, 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 293, 294, 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile;

IKKUNSIDRAT

Illi xehed l-Ispettur Maurice Curmi li esebixxa l-fedina penali tal-akkuzat, certifikat tat-twelid tal-akkuzat, stqarrija u dikjarazzjoni. Jghid li fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena 2011 certu Paul Camilleri u Josanne Camilleri rrappurtaw fit-taqsima ta' kontra l-frodi u dan fi zmien is-sajf tas-sena 2006. Jixhed li z-zewg (2) vittmi wettqu

ftehim mal-akkuzat Raymond Galea li kien jokkupa l-kariga ta' direttur fis-socjetà Island Promotions Limited. Izid jghid li parti mix-xoghol tal-akkuzat kien li jqassam appliances lill-hwienet. Jippreciza li l-allegat ftehim kien li l-akkuzat kellu jircievi somma ta' erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) minghand iz-zewg (2) vittmi u dan bil-patt u l-kundizzjoni li hu jixtri stocks sabiex jigu mibjughin lill-hwienet. Jixhed li tali stock kien jinvolvi heaters, slielem u plasma tvs. Izid jghid li l-vittmi kienu ghaddew lill-akkuzat is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf u tliet mitt Lira Maltin (Lm28,300) filwaqt li l-kumplament kellu jigi trasferit iktar tard. Jghid li kienet giet iffirmata skrittura privata f'dan is-sens u xi zmien wara l-istess Paul Camillieri u Josanne Camilleri ppruvaw jistaqsu ghal iktar informazzjoni minghand l-akkuzat rigwardanti l-istocks il-godda izda ma wigibx b'mod sodisfacenti.

Izid jghid li l-vittmi kienu kellmu lill-accountant u cioè certu Anton Ferris li infurmahom li l-flejjes intuzaw mill-akkuzat sabiex jakkwista ishma tramite l-Global Capital. Jixhed ukoll li l-vittmi pprosegwew sabiex jifthu proceduri civili kontra l-akkuzat u fil-fatt l-istess akkuzat gie kkundannat sabiex irodd lura l-flus li kien dovut izda sal-lum il-gurnata dan kien ghadu ma sehhx dan anke

minhabba l-fatt li l-akkuzat ghandu numru ta' mandati ta' sekwestri fil-konfront tieghu. Jixhed li fil-kont tal-bank tas-socjetà Island Promotions Ltd jidher li kienu gew iddepozitati c-cekkijiet li l-vittmi allegatament ghaddew lill-akkuzat. Izid jghid li xi zmien wara mill-kontijiet li gew ipprovduti lilu seta' jara li kien sar trasferiment ta' madwar ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) lill-kumpanija Travel X. Jghid li dan il-kont kien twaqqaf mal bank BOV u li kien overdraft account ta' madwar mitt elf Lira Maltin (Lm100,000) u li sa Lulju tas-sena 2007 kien deher li l-akkuzat ecceda tali ammont.

Ikompli jixhed li l-akkuzat kien gie mitkellem fl-ewwel (1) t'Ottubru tas-sena 2011 u dan wara li nghata s-solita twissija ghad-dritt biex jinghata parir legali liema dritt l-akkuzat irrinunzja ghalih. Jixhed li l-akkuzat gie mistoqsi ghalfejn ma setax jonora l-ftehim li ghamel mal-vittmi u hu spjega li d-djun li kellu ma' sid il-kera li kien jikrilu l-ufficcju kif ukoll mad-Dipartiment tal-VAT kienu qeghdin jimpeduh milli jzomm kellmtu mal-ftehim. Jixhed li l-akkuzat stqarr li d-dejn li kellu mal-VAT kien ta' madwar kwart ta' miljun ewro (€250,000).

Illi xehed **Romuald Attard** inrapprezentanza tal-bank BOV li pprezenta statement ta' kont numru 40013604990 abbinat mas-socjetà Island Promotions Ltd. Tali kont infetah fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena 2004 u l-limitu ta' tali kont kien ta' erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) izda sentejn wara tali limitu kien oghla ghal mitt elf Lira Maltin (Lm100,000). Esebixxa wkoll zewg (2) cekkijiet. Cekk minnhom inhareg minn Investech Bank fl-ammont ta' erbatax (14)-il elf Lira Sterlina (£14,000) u gew depozitati f'dan il-kont fid-disgha (9) t'Awwissu 2005. Tali ammont huwa ekwivalenti ghal tmint'elef, seba' mija u hamsa u sittin Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm8765.42). Izid jghid li c-cekk l-iehor gie mahrug mill-bank HSBC fl-ammont ta' dsatax-il elf, hames mija u tmien Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm19,508.40) u dan fl-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena 2006. Tali cekk kien pagabbli lil certu Mario Cassar u gie depozitat fl-istess kont fid-disgha (9) t'Awwissu tas-sena 2006. Il-kont bin numru 40013604990 m'ghadux jopera stante li kienu nbdew proceduri legali u kien gie ddikjarat tramite sentenza datata hmistax (15) ta' Marzu tas-sena 2011 li l-akkuzat u martu Catherine Galea ghandhom ihallsu lill-bank BOV l-ammont ta' mitejn u sebgha u

tmenin elf, disa' mija u tnejn u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€287,922.27).

Inkontrezami jikkonferma li l-kont numru 40013604990 kien qieghed jintuza b'mod regolari.

Illi xehdet il-vittma <u>**Josanne Camilleri**</u> li tghid li fiz-zmien li marret ma' zewgha l-Ghassa tal-Pulizija fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena 2011 l-akkuzat Raymond Galea kellu negozju gewwa Home Direct. Tikkonferma li f'Awwissu tas-sena 2006 kien gie ffirmat ftehim fil-prezenza tal-avukat Dr Stefano Filletti u l-accountant tal-akkuzat Anton Ferris. Il-ftehim kien fis-sens li hi u r-ragel taghha Paul Camilleri kienu hargu l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf u tliet mitt Lira Maltin (Lm28,300) tramite zewg (2) cekkijiet u l-akkuzat kien ser johrog l-istess ammont. Wiehed (1) mic-cekkijet kien mahrug mill-bank BOV u l-iehor bil-Lira Sterlina. Tghid li dawn il-flejjes kellhom jintuzaw mill-akkuzat ghal xiri ta' stocks u prodotti. Tixhed li wara li sar dan il-ftehim kull darba li kienu jistaqsuh dwar xi tip ta' aggornament l-akkuzat kien iwiegeb li malli huma johorgu l-kumplament tal-flus biex jghaqqdu s-somma ta' erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) allura hu kien ser

johrog l-istess ammont. Tixhed li minkejja dan l-akkuzat qatt ma qalilhom x'saru mit-tmienja u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm28,000) li hargu u ghalhekk bezghu johorgu l-kumplament.

Izzid tghid li l-ftehim kien li jinxtraw dak li jissejjah white goods li kienu jvarjaw minn televisions sa sigar tal-Milied. Tiftakar li gol-ufficini tal-akkuzat kien ikun hemm toasters u ktieli u dawn kienu jigu reklamati fuq ir-rivista bl-isem ta' Phone Direct. Tghid li l-akkuzat qatt ma kien ta rendikont ta' x'kien xtara u lanqas ma kien urilha x'kellu bhala stock. Tghid li kien hemm darba minnhom fejn l-akkuzat xtaq jissellef sitt mitt elf Lira Maltin (Lm600,000) fuq id-dar matrimonjali. Tixhed li hi kienet taf bl-akkuzat tramite huha li kien jahdem fil-kumpanija Phone Direct. Tixhed li l-proceduri fil-Qrati civili kienu nbdew meta l-accountant tal-akkuzat Anton Ferris kien kellem lilha u lir-ragel sabiex jinfurmahom li l-akkuzat kien gibed il-flus taghhom mill-kont bankarju tal-BOV u tefaghhom bhala stocks personali ghalih tal-HSBC. Tghid li minn hemm infethet kawza civili li giet mirbuha u minkejja dan xorta wahda l-akkuzat baqa' ghaddej jghix hajja normali billi jinjorahom. Tikkonferma li d-dokumenti esebiti bhala Dok. RA2 u RA3 huma

cekkijiet li nghataw lill-akkuzat dakinhar tal-ftehim sabiex jintuzaw ghal xiri ta' white goods.

Illi xehdet Claire Camilleri li pprezentat kopja certifikata tal-Memorandum and Articles u l-Asset of Accounts tas-socjetajiet Phone Direct Limited (datati 31 ta' Dicembru 2005) u Island Promotions Limited (datati 31 ta' Dicembru 2005). Tixhed ukoll li stante li ma hemmx xoljiment ta' dawn is-socjetajiet allura jregi li huma attivi.

Illi xehed il-vittma Paul Camilleri li jghid li hu sar jaf bl-akkuzat fis-sena 2006 meta hu u martu kienu interessati li jixtru xi propjetà u shabhom irrakkomandaw lill-akkuzat stante li kien jinnegozja fil-propjetà. Jixhed li l-akkuzat iltaqa' maghhom u kien ikkonvincihom biex jinvestu mieghu f'importazzjoni ta' stock u prodotti li kien bi hsiebu jgib lejn Malta. Jippreciza li tali stock kien ta' certu valur bhal perezempju kompjuters u televisions. Jixhed li kien sar ftehim fejn kull parti ghandu johrog erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) u hu dakinhar kien hareg tmienja u ghoxrin elf u tliet mitt Lira Maltin (Lm28,300). Jixhed li kif gie ffirmat dan il-ftehim hu siefer lejn il-Libja fuq xoghol. Izid jghid li dakinhar tal-ftehim

kien hemm prezenti l-akkuzat, l-avukat Dr Stefano Filletti, hu u martu. Jixhed ukoll li l-intendiment tal-akkuzat kien li jiftah tlett (3) ihwienet izda dan qatt ma sehh. Izid jghid li hu ma jafx jekk qattx hareg xi ammont ta' flus stante li qatt ma kien sar xi rendikont. Is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf u tliet mitt Lira Maltin (Lm28,300) gew mghoddija tramite zewg (2) cekkijiet. Jikkonferma dawn ic-cekkijiet a fol. 84 u 85 tal-atti processwali. Jixhed li c-cekk a fol. 85 tal-atti processwali hareg minghand certu Mario Cassar u gie mghoddi lilu sabiex jigi trasferit lill-akkuzat. Jixhed li hu stenna li l-akkuzat kien ser johrog is-sehem tieghu wkoll izda l-akkuzat beda jaghmillu l-pressjoni sabiex johrog il-kumplament tal-erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000).

Ikompli jixhed li kull darba li kien jiltaqa' mal-akkuzat, l-istess akkuzat kien johrog bi proposti ta' fejn ghandu jinvesti u wara xi zmien kien wasal f'punt li tinfetah kawza civili. Jghid li dan sehh stante li l-akkuzat qal li kien ser jixtri propjetà gewwa Hal Balzan sabiex jizviluppaha izda wara indagni li ghamel hu u martu skoprew li tali dar kienet digà nbieghet. Jikkonferma li bhala prodotti l-akkuzat qatt ma gab xejn. Jixhed li stante li l-akkuzat jaf lill-familja ta' martu hu kien dejjem jipprova jasal mieghu

b'mod amikevoli izda l-akkuzat kien ikun evaziv hafna. Jixhed li l-akkuzat qatt ma radd lura l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf u tliet mitt Lira Maltin (Lm28,300).

Inkontroezami jghid li l-ftehim kien gie redatt fi skrittura datata tmienja (8) t'Awwissu 2006. Jghid li dejjem kien jaghti lill-akkuzat il-beneficcju tad-dubju izda kien wasal f'punt li kellu anke jikkomunika mieghu tramite ittra postali li giet ipprezentata bhala Dok. PC2.

Illi rega' xehed **Romuald Attard** inrapprezentanza tal-bank BOV u jghid li t-tliet (3) cekkijiet mahrugin minn Island Promotions Limited inhargu mill-overdraft account bin-numru 40013604990 u gew depozitati f'kont bin-numru 40012274402 f'isem Global Captial Financial Management. Jixhed li rigward il-kont numru 40013604990 dan qieghed mizmum fid-dipartiment tar-recoveries u dan stante li ma kinux qeghdin isiru pagamenti lill-bank.

Illi xehdet **Stephanie Critien** inrapprezentanza tal-Malta Stock Exchange li pprezentat transaction history dwar l-akkuzat

Raymond Galea mill-ewwel (1) ta' Jannar 2006 sas-sittax (16) ta' Frar 2012. Tixhed li fl-ghoxrin (20) t'April 2006 l-akkuzat Raymond Galea akkwista tlett elef (3,000) ishma ordinarji tal-HSBC bil-prezz ta' tmint elef, disa' mija u tlieta u erbghin Lira Maltin (Lm8,943). Izzid tghid li fl-istess gurnata l-akkuzat kien akkwista mitejn (200) ishma ohra ghas-somma ta' hames mija u sebgha u disghin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm597.60). Tghid li t-tielet (3) akkwist ta' dik il-gurnata kienet ta' tlett elef (3,000) ishma ordinarji tal-HSBC bil-prezz ta' tmint elef, disa' mija u tlieta u erbghin Lira Maltin (Lm8,943). Ir-raba' (4) tranzazzjoni kienet ta' hdax-il elf u disa' mija u tnejn u erbghin (11,942) ishma bil-prezz ta' zewg Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu u hames millezmi (Lm2.98c5m)-il wahda u l-hames (5) tranzazzjoni ta' dik l-istess gurnata kienet ta' tlettax-il elf u mitejn (13,200) ishma bil-prezz ta' zewg Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu u tmien millezmi (Lm2.98c8m)-il wahda.

Tkompli tixhed li fil-hamsa (5) ta' Gunju 2006 l-akkuzat xtara tmint elef u mitejn (8,200) ishma bil-prezz ta' dsatax-il elf, sitt mija u tmenin Lira Maltin (Lm19,680) u f'dan il-punt l-akkuzat kien akkwista wiehed u ghoxrin elf u erba' mitt (21,400) ishma. Fit-

tnejn u ghoxrin (22) t'Awwissu 2006 l-akkuzat xtara disat elef u hames mija u hamsin (9,550) ishma bil-prezz ta' zewg Liri Maltin u disa' centezmi (Lm2.09c)-il wahda. Fl-erbgha u ghoxrin (24) t'Awwissu 2006 l-istess akkuzat kien akkwista erbat elef u seba' mija u hamsin (4,750) ishma bil-prezz ta' zewg Liri Maltin u disa' centezmi (Lm2.09)-il wahda. Tixhed li sal-erbgha u ghoxrin (24) t'Awwissu 2006 l-akkuzat kien akkwista ishma fl-ammont ta' hamsa u tletin elf u seba' mitt (35,700) ishma ordinarji tal-HSBC.

Illi xehdet **<u>Audrey Ghigo</u>** inrapprezentanza tal-bank HSBC li pprezzentat ricerka dwar kontijiet bankarji mizmuma f'isem l-akkuzat Raymond Galea. Tghid li mir-ricerka rrizultalha li hemm savings account bin-numru 006129308050 li nfetah fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena 2004. Tixhed li kont iehor li kien mizmum f'isem l-akkuzat kien loan account bin-numru 006129308341 li nfetah fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju 2008 kif ukoll current account bin-numru 006129308001 li nfetah fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru 2006 li nghalaq fit-tmienja (8) ta' Jannar 2009. Izzid tghid li nstab ukoll loan account iehor bin-numru 0061298308430 li nfetah fi Frar tas-sena 2007 u nghalaq fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena 2009. Izzid tghid li rrizultalha

Premier Credit Card li kellha card number 5522000000021822 li kienet miftuha fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena 2007 u nghalqet fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena 2009.

Illi xehed <u>Gianluca Cappitta</u> inrapprezentanza tal-Global Capital li jghid li l-akkuzat ghandu zewg (2) investimenti li saru fit-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena 2008. Jghid li l-kont huwa ma' terza persuna. Ipprezenta statements li jirriflettu dawn l-investimenti.

Illi xehed <u>Mark Bonnici</u> li huwa d-Direttur Generali ta' Western Union Business Solutions Malta Limited u pprezenta ritratt ta' cekk li gie moghti lill-Western Union Business Solutions Malta Limited minghand l-Island Promotions Limited u dan sabiex jithallas trasferiment internazzjonali li saret lill-Inprint SPA fuq il-kumpanija Phone Direct.

Illi xehed <u>Donald Micallef</u> li jghid li li jaf lill-akkuzat Raymond Galea sante li kellu idea ghal negozju sabiex jigi prodott rivista li tigi distribwita f'Malta u Ghawdex. Jghid li l-akkuzat digà kellu rivista bl-isem ta' Phone Direct u kien mar ikellmu biex jindaga iktar u l-akkuzat eventwalment offrielu sabiex ikun il-pubblikatur ta' din ir-

rivista. Jixhed li rigward dan hemm proceduri kriminali fil-konfront tieghu li waslu fi tmiemhom. Jispjega li l-akkuzat xtaq ikun il-pubblikatur ta' rivista gdida bl-isem ta' Juice Magazine filwaqt li hu kien idahhal paga u persentagg zghir talli kien il-ko-ordinatur tal-idea u hu kien accetta. Jixhed li flimkien hargu ghaxar (10) edizzjonijiet tar-rivista izda stante li kellhom opinjonijiet differenti fuq ix-xoghol in-negozju bejniethom waqaf. Jikkonferma li dak iz-zmien in-negozju tal-akkuzat kien sejjer hazin. Jghid li ma jafx min huma Paul Camilleri u Josanne Camilleri. Jixhed li l-akkuzat tant kien kabbar in-negozju tieghu tal-Phone Direct li eventwalment ma bediex ilahhaq mal-ispejjez specjalment dawk rigwardanti Juice Magazine.

Illi xehed <u>Anton Ferris</u> li jghid li hu jaf lill-akkuzat Raymond Galea stante li l-awditur John Zammit kien qabbdu sabiex jiehu hsieb il-kontijiet tal-istess akkuzat. Jghid li hu beda jahdem dan ix-xoghol mal-akkuzat mill-ahhar tas-sena 2004 sad-disgha t'April tas-sena 2009. Dan ix-xoghol kien intemm stante li l-akkuzat kien waqaf jopera n-negozju tieghu u dan minhabba nuqqas ta' xoghol kif ukoll proceduri gewwa l-Qrati Civili. Jikkonferma li l-akkuzat kellu stocks u bonds kemma qabel is-sena 2006 kif ukoll wara tali

sena. Ikompli jixhed li Paul Camilleri kien xi hadd li dahal fi ftehim mal-akkuzat f'Awwissu tas-sena 2006. Tali ftehim kien jinvolvi ammont ta' flus fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm28,000). Jghid li wara l-ftehim kien gie fuqu Paul Camilleri sabiex jikseb parir minghandu u skopra li l-istess Paul Camilleri ma kienx wettaq feasability study sabiex jara li mhux ser jiehu riskji. Jghid ukoll li hemm imnizzel li saru diversi diskussjonijiet u hu qatt ma kien prezenti ghal tali diskussjonijiet. Ikompli jghid li l-akkuzat kien kompla bin-negozju b'mod normali. F'dan il-perjodu n-negozju kien sejjer tajjeb u li l-akkuzat kellu erba' (4) kumpaniji u kollha kellhom kontijiet bankarji tat-tip overdraft.

Ikompli jixhed li hu rari li kien jaghti l-pariri lill-akkuzat izda jiftakar li kien ta parir li l-ammont li ried il-bank ta' disgha u hamsin elf (59,000) ghandu jithallas mill-akkuzat personalment. Jispjega li l-akkuzat kien jitla' l-Ingilterra sabiex jixtri prodotti bl-irhis u jerga' jbigh tali prodotti gewwa Malta. Jixhed li jaf li sar ftehim fejn l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm28,000) gew trasferiti lill-akkuzat minghand Paul Camilleri sabiex jinxtraw il-prodotti u jergghu jigu mibjugha izda ma jafx x'sar minnhom dawn il-flejjes. Jghid li ma jafx stante li meta telqu

mill-ufficcju ta' fejn kien isir in-negozju d-dokumenti ntremew. Jghid li Paul Camilleri dahal fi ftehim mal-akkuzat stante li kien jafdah. Jixhed li kien spjega lil Paul u Josanne konjugi Camilleri li huma shareholders f'dan in-negozju minghajr ma kellhom garanzija u b'riskji kbar. Jghid li wara l-ftehim l-akkuzat kien xtara prodotti izda stante li m'ghandux id-dokumenti f'idejh ma jistax jivverifika fejn marru l-flejjes.

Ikompli jixhed li generalment l-akkuzat kien igib il-prodotti minn barra fi zmien gimgha izda gieli kienu jdumu xhur jew snin biex jinbieghu f'Malta. Jixhed li dakinhar li sar l-allegat ftehim kien ta rendikont lill-vittmi Paul Camilleri u Josanne Camilleri tal-prodotti li kellhom izda wara qatt ma rega' ntalab rendikont u ma jafx jekk il-vittmi saqsewx lill-akkuzat ghal dan ir-rendikont. Jghid li l-akkuzat ma kellmux rigward dan il-kaz odjern. Jixhed li fis-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena 2008 kien gie s-sid li kien jikri l-ufficini tal-akkuzat (u cioè Charlie Schembri) flimkien mal-akkuzat u kienu hadu kollox li kien hemm u dan stante proceduri legali rigward il-kirja dovuta.

Illi xehed minn jeddu l-akkuzat Raymond Galea li jghid li fis-sena 2000 ifforma kumpanija bl-isem ta' Phone Direct li tippubblika, tizviluppa u topera bhala sensar. Dan skont il-Memorandum and Articles of Association tal-istess socjetà. Jghid li maz-zmien il-kumpanija tant kibret li ddecieda biex jespandi u jopera minn tlett (3) imhazen ibbazati f'Tal-Handaq, Qormi. Jghid li hu kien ifforma tliet (3) kumpaniji ohra u cioè Island Promotions Limited, Phone Direct Real Estate u Phone Direct Turnkey Limited. Jixhed li tnejn (2) minnhom kien fetah kont b'overdraft facilities mill-BOV u t-tnejn l-ohra mill-HSBC. Jixhed li l-ghan tal-kumpanija Phone Direct kien li jippubblika rivisti bl-isem ta' Phone Direct, Juice Magazine u Bargain Magazine fejn fihom kien jaghmel riklamar ta' prodotti ta' bejjiegha. Jixhed li sabiex jaghmel distribuzzjoni ta' dawn ir-rivisti kellu bzonn jipprintja madwar mija u sitta u hamsin elf (156,000) kopja u dan sabiex l-istess rivisti jitqassmu god-djar Maltin. Ikompli jixhed li hu beda jipprintja l-Ingilterra u mbaghad gewwa postijiet ohra bhal Polonja, Barcellona u anke l-Italja. Jghid li dan minhabba l-fatt li kienet tigih spiza li jipprintja r-rivisti minn Malta. Izid jghid li hu kien ilu f'dan ix-xoghol madwar tletin (30) sena. Jixhed li r-rivista damet tigi ppubblikata mis-sena 2000 sas-sebgha (7) t'April tas-sena 2009.

Ikompli jixhed li minn dan in-negozju kien jaqla' madwar ghaxart'elef Lira Maltin (Lm10,000) fix-xahar izda minkejja dan kien ibati li jigbor lura d-djun li kienu dovuti lilu. Jixhed li eventwalment kien gie spirat mill-hanut Ingliz Argos sabiex ibigh prodotti bl-irhis u b'hekk jaghmel il-qligh hu direttament. Jixhed li ghalhekk kellu juza l-imhazen stante li kien ser ikun qieghed idahhal hafna prodotti u b'hekk kellu bzonn l-ispazju. Jixhed li nefaq hafna spejjez biex jirranga l-imhazen halli jkun jista' jopera kif suppost izda l-izball fatali li kien ghamel hu li kien nefaq l-ammont ta' erba' mitt elf ewro (€400,000) fuq stocks li dak iz-zmien kienu jammontaw ghal mitejn u tlett elef u hames mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm203,527.80). Tali stocks kienu nxtraw minn negozji bhal Argos u Marthill. Jixhed li wiehed kellu jzomm f'mohhu li dan in-negozju kien qieghed jopera fis-sena 2006 u cioè s-sena li kien hemm krizi ekonomika rigwardanti l-prezz taz-zejt u li ghalhekk hafna negozji kienu qeghdin ifallu. Izid jghid li nel frattemp kien hemm sid il-kera tal-imhazen u cioè Charles Schembri li kien qieghed jigri warajh ghal kirja. Jixhed li kien wasal f'punt li kien tefa' d-dar tieghu, kif ukoll zewg (2) garaxxijiet taht garanzija mal-bank HSBC. Izid jghid li sahansitra anke missieru kien ghenu billi ghamel l-appartament

tieghu taht garanzija. Jixhed li kien anke biegh id-dehbijiet personali tieghu u ta' martu sabiex ilahhaq mal-ispejjez.

Izid jghid li bhala oggetti kien xtara fridges, washing machines, microwaves, geysers kif ukoll showers. Jixhed li hu kien ra kbir u xtara wisq oggetti. Minkejja li kien ibigh tramite r-riklamar affarijiet bhat-taxxa, id-dejn u anke pagi tal-haddiema tieghu kienu gabuh f'punt li ma kienx qieghed jaghmel qligh. Jixhed ukoll li minkejja li kien jigri wara d-debituri tieghu xorta wahda ma kienx jirnexxilu jigbor il-flejjes dovuti lilu u dan anke tramite proceduri civili. Jixhed li sabiex tistampa r-rivisti kien ikollu jhallas madwar ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) u dan minghajr ma tkun qieghda tikkunsidra l-ispiza sabiex thallas l-express trailers biex jimportaw l-istess rivisti. Jixhed li darba minnhom kien qabez il-limitu tal-overdraft facility u kien habba f'hekk li m'ghaddietx pagament ghall-importazzjoni tar-rivisti. Dak kien ifisser li mhux ha jkun jista' jaghmel riklam ghal madwar mitejn (200) klijent fuq rivista wahda. Jixhed li minn dawn il-mitejn (200) kienu jkunu sitta (6) biss li zgur kienu jhallsuh.

Izid jghid li bhala taxxa hu kien ihallas bil-hamsa u tletin fil-mija (35%) u fil-fatt jammetti li kien waqa' lura fil-hlas tal-VAT tant li kellu anke multi. Jixhed li llum il-gurnata ghandu hamsa u hamsin ewro (€55). Jghid li apparti minn hekk hu tilef il-familja, tilef hames (5) karozzi kif ukoll id-dar matrimonjali stante li fit-tlieta u ghoxrin (23) t'April 2013 inbieghet bis-subbasta. Jghid li tali subbasta sehhet minhabba kawza li nbdiet mill-bank HSBC u li minkejja li sehh dan il-bejgh xorta ghad fadal jaghti lill-istess bank is-somma ta' tlett mitt elf ewro (€300,000). Jixhed li l-bank HSBC kienu anke hadulu l-istocks li kellu. Jixhed li kien anke tilef madwar erba' mitt elf (400,000) prodotti mill-imhazen stante li kienu qeghdin jinbieghu bl-irkant gewwa l-Qrati. Jixhed li minkejja dan kollu hu xorta baqa' jipprova jopera n-negozju tieghu u dan biex ilahhaq mad-djun.

Jichad kategorikament li hu uza l-flus tal-vittmi ghalih innifsu u li kien fil-fatt uzahom biex jixtri l-prodotti minn barra. Jixhed li hu ltaqa' ma' Paul Camilleri u Josanne Camilleri tramite hu Josanne Camilleri li kien impjegat tieghu. Jixhed ukoll li wara li kienu hargu jieklu flimkien u wara li l-vittmi raw l-imhazen bdew jiftiehmu biex jidhlu fin-negozju flimkien. Jghid li l-vittmi kienu lesti li jinvestu

bl-ammont ta' erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000). Ikompli jghid li eventwalment kienu regghu ltaqghu flimkien mal-accountant Anton Ferris kif ukoll mal-avukat Dr Stefano Filletti u kien gie abbozzat kuntratt immarkat bhala Dok. RG3. Jixhed li tramite dan il-kuntratt kemm hu kif ukoll il-vittmi ftiehmu biex johorgu l-ammont ta' tmenin elf Lira Maltin (Lm80,000). Jixhed li wara dan il-kuntratt hu beda jordna u jixtri l-prodotti sabiex ibieghhom. Jixhed li skont il-ftehim li ffirmaw il-vittmi kellhom ihallsu erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) izda huma kienu hallsu biss tmienja u ghoxrin elf u tliet mitt Lira Maltin (Lm28,300) u b'hekk ma zammewx mal-kundizzjoni tal-kuntratt. Jghid li habba f'hekk il-vittmi tefghuh f'iktar dejn. Jixhed li fi zmien xahrejn hu hareg mitejn u tliet mitt elf Lira Maltin (Lm203,000) u investihom fil-kumpanija Island Promotions Limited u dan sabiex jixtri l-prodotti minn barra.

Izid jghid kellu anke haddiem u cioè certu Donald Micallef li kien tefghu lura sew fin-negozju stante li uza flus il-kumpanija sabiex jaghmel festa. Jixhed li rigward dan iddikjarah bhala dejn hazin u m'ghamel xejn fuq din il-bicca tax-xoghol. Tali impjegat beda jahdem mieghu fis-sena 2006. Jixhed ukoll li f'dik is-sena kien

beda jmur hazin tant li l-accountant tieghu kien qallu li kien kabbar in-negozju tieghu zzejjed milli seta' jiflah. Jixhed li qabel dik is-sena kien idahhal sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) fix-xahar u hu hass li kien iz-zmien li jkabbar in-negozju. Jixhed li l-intendiment tal-ftehim li ghamel mal-vittmi konjugi Camilleri kien biex jaghtihom qligh ta' mhux iktar minn ghoxrin fil-mija (20%).

Inkontroezami jghid li oltre milli pprezenta hu m'ghandux ircevuti stante li meta l-marixxall tal-Qorti keccieh mill-imhazen ma kellux cans biex jigbor kollox. Tali marixxall gie fis-sebgha (7) t'April tas-sena 2009. Ma jiftakarx li l-vittmi konjugi Camilleri kienu baghtulu zewg (2) ittri legali minkejja li tali ittri huma indirizzati lid-dar residenzjali tieghu. Tali ittri legali huma a fol. 25 u 26 tal-atti processwali tal-kawza civili. Jixhed li kull darba li l-vittmi kienu jigu jistaqsuh dwar xi tip t'aggornament huma dejjem kienu jkellmu lill-accountant tieghu Anton Ferris. Jghid li huma kienu jaraw x'ikun ghaddej u x'ikun qieghed jinxtara bhala prodotti.

Illi rega' xehed l-imputat <u>**Raymond Galea**</u> minn jeddu li jghid li wara li sar il-ftehim li gie abbozzat mill-avukat Dr Stefano Filletti kien tela' l-Ingilterra xahrejn wara sabiex jixtri tnax (12)-il container ta'

prodotti sabiex jitqieghdu gol-imhazen. Jixhed li l-vittma Paul Camilleri kien tah l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf u tliet mitt Lira Maltin (Lm28,300) u kien wieghdu li l-bqija tal-ammont miftiehem ghandu jasal iktar tard fil-futur. Jixhed li filwaqt li hu kien hallas l-ammont ta' ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) ghal tnax (12)-il container l-vittmi ma kinux qeghdin jonoraw l-obbligazzjoni taghhom kif hemm indikat fil-kuntratt. Jghid li d-darbtejn (2) li saqsih dwar il-kumplament tas-somma Paul Camilleri l-ewwel skuza li kien qallu kien sabiex ma jitlifx l-imghax tal-kont bankarju tal-Ingilterra filwaqt li t-tieni skuza kienet habba l-fatt li kien lura fil-hlasijiet tieghu ta' kontijiet tad-dawl. Jixhed li b'kollox kien nefaq l-ammont ta' mitejn u tlett elef, hames mija u sebgha u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€203,527.80) fi prodotti u dejjem bis-serhan tal-mohh li xi darba Paul Camilleri kien ser ihallas is-sehem tieghu izda dan qatt ma sehh. Jixhed li matul dan il-perjodu kien hemm certu Donald Micallef li ghamillu hafna hsara u kabbarlu d-dejn minghajr ma kien jaf.

Ikompli jixhed li dan Donald Micallef kien jirriklama certu prodotti bhal perezempju btala lejn Amsterdam u minflok jaghti l-flus lill-akkuzat bhala principal kien izommhom hu stess. Jixhed li darba

minnhom kien anke uza gojjelli mill-Vascas sabiex jorganizza fashion show izda ma rritornax tali gojjelli. Jghid li hu zbalja meta ddecieda biex ikabbar in-negozju bl-imhazen u ccaqlaq minn Valley Road, Imsida. Jixhed li rigward Donald Micallef kien biss wara li ngidem li nduna x'tip ta' bniedem hu. Izid jghid li bniedem iehor li tefghu lura bhala dejn kien certu Roy Steer Chatham. Jixhed li tul dan iz-zmien kollu hu beda jzid l-ammont tal-overdraft tant li kellu jorbot id-dar tieghu ta' 53, Giacinto Tua Street, Gzira mal-bank HSBC kif ukoll l-appartament ta' missieru. Minhabba l-problemi finanzjarji dawn tilifhom u llum il-gurnata qieghed jghix bi tliet mitt ewro (€300) fix-xahar kif ukoll bl-ghajnuna tat-tfal tieghu. Jixhed li apparti mid-dar u l-appartament ta' missieru kellu wkoll zewg (2) garaxxijiet marbutin kif ukoll tmien (8) karozzi marbutin kemm mal-bank BOV kif ukoll mal-bank HSBC. Jixhed li kollox beda sejjer zmerc meta kellu konsenja ta' rivisti gejjin mill-Italja u stante li kien qabez il-limitu tal-overdraft ma setax jghaddi l-pagament li wettaq mal-operaturi tax-shipping. Jghid li n-negozju falla fis-sebgha (7) t'April 2009 stante li kien qieghed jircievi mandati fuq mandati. Izid jghid li dan kien zmien li bata hafna tant li spicca tilef id-dar u kellu jibda jghix f'post moghti mis-servizzi governattivi. Jixhed li jekk wiehed kellu jghodd id-

dejn totali li ghandu jaghti kemm lill-banek kif ukoll lid-Dipartiment tal-VAT l-ammont huwa dak ta' miljun u sitt mitt elf ewro (€1,600,000).

Ikompli jixhed li l-vittma Paul Camilleri kien tah cekk ta' erbatax (14)-il elf Lira Sterlina (£14,000) u tali cekk gie ddepozitat fil-kont bankarju li jghajjat lis-socjetà Island Promotions Limited. Jixhed li tali kont kien marbut b'overdraft kemm mal-bank BOV kif ukoll mal-bank HSBC.

Illi rega' xehed l-imputat <u>**Raymond Galea**</u> minn jeddu li jghid li l-accountant tieghu kien certu Anton Ferris. Jixhed li rigward l-allegazzjoni li hu talab lill-vittmi l-ammont ta' hames mitt elf (500,000) dan kien b'referenza ghal diskussjonijiet ghaddejjin bejniethom dwar akkwist ta' bicca art gewwa l-Mosta li kien ser isir potenzjalment u hu jizviluppaha. Jghid li tali ftehim qatt ma sehh però. Jichad kategorikament li qatt qarraq bil-vittmi u li qatt ghamel gwadann minn fuqhom, iktar u iktar meta wiehed iqis li kien mar sew minn taht. Jixhed li hu ma sforzax lil Paul Camilleri sabiex jidhol fin-negozju mieghu izda kien hu Josanne Camilleri li laqqaghhom. Izid jghid li wara li investa mal-vittma Paul Camilleri

hu baqa' jinvesti fil-kumpanija tieghu stess. Jixhed li hu ma kienx jaf li kien ser imur minn taht meta ghamel il-ftehim mal-vittmi.

Inkontroezami jghid li l-problemi mal-banek bdew mis-sena 2009 izda kienu ilhom gejjin minn qabel dik is-sena u cioè mis-sena 2006.

Illi rega' xehed **Anton Ferris** riprodott mid-difiza li jghid li hu kien jahdem bhala accountant mal-kumpanija Island Promotions Limited fuq bazi part-time u kien jiehu hsieb l-erba' (4) kumpaniji li kellu l-akkuzat. Jikkonferma li n-negozju tal-akkuzat kien attiv. Tali negozju kien jinvolvi x-xiri u l-bejgh ta' diversi prodotti. L-akkuzat kien iqassam rivista god-djar tan-nies u l-pubbliku kien eventwalment jikkuntattjawh sabiex jaghmlu ordni tal-prodotti li riedu jixtru. Jixhed li darba minnhom l-avukat Dr Stefano Filletti kien gie l-ufficini flimkien mal-vittmi Paul Camilleri u Josanne Camilleri sabiex jigi abbozzat ftehim ta' joint venture. Jikkonferma li meta sehh il-ftehim kien iltaqa' ma' Paul Camilleri u wettaq stocktaking mieghu. Jghid li ma jafx x'kien gara wara bil-flejjes stante li sid il-kera kien zgumbrahom u kien rama' d-dokumenti kollha. Id-depozitu li kien miftiehem fil-ftehim sar tramite cekk li

kien ser jigi depozitat fil-kont bankarju tas-socjetà Island Promotions Limited. Jghid li anke meta gie mistoqsi mill-Ispettur Maurice Curmi fejn kien mar l-allegat depozitu, hu kien wiegeb li dan mar fil-kont bankarju tal-kumpanija u mhux intuzaw biex jinxtraw xi ishma.

Illi xehed **Dr Stefano Filletti** prodott mid-difiza li jghid li hu kien ghamel xi zmien jippatrocina l-kumpanija tal-akkuzat Phone Direct. Jixhed li kien ghamel zmien qasir bhala konsulent tal-akkuzat u lejn it-tmiem jiftakar kien hemm socjetà li tipproduci rivisti bl-isem Phone Direct li kien jitqassam. Ma jiftakarx l-isem tas-socjetà izda jiftakar li l-ufficcju kien stazzjonat gewwa Valley Road, Birkirkara. Jixhed li x-xoghol legali tieghu kien jinvolvi rkupru ta' djun u revizjoni ta' kuntratti ta' riklamar. Jixhed li meta nqala' l-kaz odjern l-akkuzat kien ingagga lill-avukat Dr Reuben Micallef. Jiftakar li l-kumpanija tal-akkuzat kienet sejra hazin stante nuqqas ta' riklamar. Jghid li jiftakar li l-vittmi Camilleri xtaqu jidhlu f'joint venture mal-akkuzat u fil-fatt jikkonferma l-iskrittura a fol. 176 li hija l-kitba tieghu. Jispjega li din l-iskrittura saret fuq struzzjonijiet tal-partijiet prezenti u ma jafx x'kienu n-negozjati u d-diskussjonijiet li kienu ghaddejjin. Ma dahalx fil-

kwistjoni jekk gewx trasferiti xi flejjes dakinhar. Jixhed li ma jafx x'kienu ftiehmu l-partijiet rigward stock li hemm imsemmi fl-iskrittura.

## IKKUNSIDRAT

Illi r-reat principali li bih huwa addebitat l-akkuzat huwa r-reat ta' frodi kkontemplat bl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Illi l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Kull min, bi hsara ta' haddiehor, jaghmel xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel meta jinsab hati, il-piena tkun ta' prigunerija minn xahrejn sa' sentejn jew il-multa."*

Illi dan l-ahhar artikolu tal-Ligi jittratta dwar ir-reat (inqas gravi mir-reat ta' truffa) ta' frodi nnominata.

Illi l-Artikolu 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar l-aggravanti tar-reati msemmija, ibbazati fuq il-valur tal-hsara maghmula.

Illi l-gurisprudenza marbuta mar-reati ta' truffa u frodi nnominata huma llum il-gurnata ben stabbiliti fil-kamp kriminali nostran.

Illi huwa stabbilit illi l-agent fi proceduri ta' frodi ghandu juza dak l-apparat estern li titkellem dwaru l-gurisprudenza sabiex isahhah il-fehma fil-menti tal-iffrodat li wasslu biex jaghtih fiducja u jikkoncedilu l-kreditu mitlub. Illi, dwar l-artifizzji ntqal fis-

sentenza bl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Charles Zarb*** (App. Inferjuri – 1993) illi:

> *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

Illi, ukoll, ghar-reati ta' truffa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, l-istess Qorti ccitat lill-**Imhallef Guze Flores** fejn qal illi:

*"...kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.*

*....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa,*

*hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Illi, ghalhekk sabiex jissussisti r-reat tal-frodi hemm bzonn illi jezistu:*

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente.*" (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali bl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Patrick Spiteri***, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi sentenza ohra ricenti ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Tania Borg*** deciza fis-27 ta' Gunju tas-sena 2024 sahqet hekk:

> *"Ghall-finijiet ta' l-elementi tar-reati li bihom qed tigi mixlija l-imputata, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Kenneth De Martino, pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Ottubru 2016, fejn inghad: L-elementi rikjesti biex jissussisti dan ir-reat hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna. "Fil-Ligi*

*taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikunu jikkonsistu f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi nnominata (jew lukru frawdolenti nnominat)". Illi x'jikkostitwixxi r-raggiri u l-artifizji wkoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei "artifizio è ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realtà effetuato sia simulando ciò che non esiste, sia dissimulando ... ciò che esiste. Il raggiro d'altra parte è un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: più precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verità. ... È certo che l'espressione del codice di per sè richiama l'idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera". Antolisei jkompli jghid però li "nell'applicazione praticamente della*

*legge questa idea è andata sempre più affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si è finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna può bastare per dare vita alla truffa". Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena: "Il-Ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena cioè dawk l-artifizji jew raggiri jkunu xi haga kkumplikata jew arkitetta b'hafna pjanijiet". Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Marjanu Zahra "biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi jridu jikkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioè bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioè l-uzu ta' ingann jew raggiri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri t-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax*

*jissussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef Carmel A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija v. Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat: "Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq improprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-Kodici Spagnol, ghal Burla f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicilie, it-truffa kien sejhilha Frodi …""*

*Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd. Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel. Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt ta' truffa kull min: a. B'mezzi kontra l-ligi, jew b. Billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz; jew c. Ta' kwalifiki foloz; jew d. Billi jinqeda b'qerq iehor; u e. Ingann; jew f. Billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz; g jew Ta' hila; h. Setgha fuq haddiehor; jew i. Ta' krediti immaginarji; jew j. Sabiex inqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor. … Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi…." Dwar artifizi ntqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex*

*ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpnajat minn apparat estern li jassahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat."*

Illi, in oltrè, a rigward dak li jikkoncerna t-telf patrimonjali, f'sentenza moghtija mill-Cassazione Taljana (Sez.Un.16.12.1998), gie stabbilit illi:

***"Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell'autore abbia fatto seguito la diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell'ingiusto profitto puo comprendere in se qualisiasi utilita' anche a carattere non strettamente economico, l'elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene."***

Illi hareg bic-car mill-provi prodotti li l-akkuzat dahal f'negozju mal-vittmi Paul u Josanne konjugi Camilleri dana li heggighom sabiex jidhru fuq skrittura privata datata tmienja (8) ta' Awwissu 2006. Gie wkoll konfermat li tramite din l-iskrittura gie trasferit l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf u tliet mitt Lira Maltin (Lm28,300) u dan tramite zewg (2) cekkijiet li jinsabu a fol. 84 u 85 tal-atti processwali.

Illi t-tilwima principali hija l-allegazzjoni li l-imputat ma uzax tali flejjes ghax-xiri ta' prodotti sabiex jinbieghu f'Malta. Il-vittmi fil-fatt jishqu li kull darba li kienu jistaqsu ghal kwalunkwe tip ta' aggornament minghand l-imputat, l-istess akkuzat kien jevitahom u ma jipprovdix l-informazzjoni.

Illi xhud iehor li seta' jivverifika dan il-punt kien l-accountant tal-imputat Anton Ferris li però ma offra l-ebda certezza ghar-rigward ta' x'gara mis-somma ta' flus allegata (u cioè dik ta' tmienja u ghoxrin elf u tliet mitt Lira Maltin (Lm28,300)) izda kien pjuttost dirett billi jikkonferma li hu kien kellem lill-vittmi darba biss u cioè dakinhar li saret l-iskrittura tat-tmienja (8) t'Awwissu 2006.

Ghalhekk l-uniku darba li l-vittmi nghataw xi tip ta' informazzjoni kienet dakinhar li saret l-iskrittura.

Illi l-Qorti tqis ix-xhieda ta' Anton Ferris bhala wahda mhux kredibbli u dan stante t-tattika ovvja li jkun evaziv ghall-ahhar meta gie mistoqsi kemm-il darba rigward prova ta' xiri ta' prodotti minn azjendi esteri. Bhala accountant li kien jahdem ghall-ufficcju tas-socjetà Island Promotions Limited, il-Qorti tippretendi li tali xhud ikollu rendikont ta' dak kollu li jkun ghaddej finanzjarjament. Il-Qorti ssibha ferm difficli temmen il-verzjoni ta' dan ix-xhud meta jipprezenta dokumenti ta' Profit and Loss izda fl-istess nifs jghid li m'ghandux id-dokumenti relattivi ghax-xiri ta' prodotti minn barra.

Illi di più l-prosekuzzjoni ressqet provi li juru l-movimenti tal-flus tal-imputat u dan (qualify which reat you are talking about here) tramite xhieda oggettivi u cioè ta' Stephanie Kritien, Romuald Attard u Audrey Ghigo. Dawn kollha offrew stampa carissima lil din il-Qorti ta' x'ghamel l-imputat bil-flus li l-vittmi investew fil-kumpanija.

Illi fl-istess waqt jinghad li l-imputat kien imprenditur b'certu success u dan dejjem kif xehed hu kif ukoll skont kif jixhdu r-rapprezentanti tal-banek fejn juru li l-imputat kien pjuttost attiv fin-negozju tieghu. Oltre' minn hekk referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija mill-vittma Paul Camilleri fejn jghid hekk:

*"Difiza:* *Jigifieri jiena jekk qed nifhmek sew inti qed tghid li dakinhar meta ffirma hawn hu [Raymond Galea] kellu l-intenzjoni li jiddifrodak?*

*Xhud:* *Le, m'iniex qed nghid hekk ..."*

Illi din il-Qorti jidhrilha li l-vittmi bl-ebda mod ma gew ingannati mill-akkuzat sabiex jinvestu fil-kumpanija tal-istess. Wara kollox kull investiment fih ir-riskju tieghu u din il-Qorti ttenni dak li sahaq Anton Ferris fix-xhieda tieghu fejn ikkonferma li l-vittmi ma wettqux xi tip ta' studju. Il-vittma Josanne Camilleri stess tghid hekk:

*"Pros:* *Dawn il-white goods qatt rajthom?*

*Xhud:* *Ifhem, kellu warehouse mimlija imbarazz bhal toasters u jien naf kettles – dawn li kienu jgibu fuq il-magazine taghhom speci ta."*

Illi din ix-xhieda tikkonferma li l-vittmi kienu jafu x'tip ta' negozju kien jopera l-akkuzat.

Illi jinghad li mhux ikkontestat ukoll li l-imputat baqa' attiv fin-negozju tant li hemm provi dokumentari bejn is-snin 2006 u 2009 li juru dan. Sfortunatament ghall-vittmi però l-akkuzat dahal f'diversi djun li mhumiex totalment attribwiti lilu. Di fatti l-akkuzat jaghmel referenza ghal certu Donald Micallef li hallielu dejn ta' madwar sitta u tmenin elf Lira Maltin (Lm86,000). Oltre' minn hekk huwa maqbul mill-partijiet li l-akkuzat kellu sahansitra anke dejn ma' sid il-kera ta' fejn kien jopera l-akkuzat u ghalhekk dan il-fatt ghamlu aktar facli li juza dawk il-flejjes band'ohra.

Illi a rigward l-element mentali, mill-qari tal-atti hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-imputat ma kellux il-*mens rea* sabiex jikkommetti dak li qieghed jigi allegat mill-Prosekuzzjoni u cioè frodi. Huwa

principju ben stabbilit li sabiex ikun hemm delitt irid ikun hemm prezenti kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*.

Illi r-regola generali fid-dritt penali hija li *"actus non facit reum, nisi mens sit rea"*. Di fatti l-<u>**Professur Mamo**</u> jghid hekk fin-noti tieghu:

> *"The general conditions of criminal responsibility are indicated with sufficient accuracy in the old legal maxim: "actus non facit reum, nisi mens sit rea". The act alone does not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these as the material and the formal conditions of liability. The material condition is the doing of some act by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal*

*condition, on the other hand, is the "mens rea", or guilty mind, with which the act is done."*

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-akkuzat mill-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontrih.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi d-difiza ssollevat l-eccezzjoni tan-nuqqas tal-kwerela da parti tal-vittmi Paul u Josanne konjugi Camilleri u dan anke in linea mal-proviso tal-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali:

*"Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti."*

Illi referenza però qieghda ssir ghall-Artikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali u cioè li:

*"Jekk, matul il-kompilazzjoni, l-imputat ma jitlobx u l-qorti ex officio ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skont il-ligi."*

Illi minn qari akkurat tal-atti processwali d-difiza qatt ma talbet il-prova tal-kwerela izda biss issenjalat in-nuqqas taghha. Illi bir-ragunament tal-artikolu kkwotat, in-nuqqas tal-kwerela ma tfissirx oggettivament li ma saritx *multo magis* meta l-parte civile inkwistjoni xehdu fil-proceduri. Ghalhekk il-Qorti sejra tapplika din id-dispozizzjoni tal-ligi u tqis li fil-fatt il-kwerela saret skont il-ligi u tichad l-eccezzjoni maghmula mid-difiza fis-sottomissjonijiet taghha.

**IKKUNSIDRAT**

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza u cioè r-reat ta' mizappropjazzjoni li giet imressqa kontra l-akkuzat l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:"*

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal decizjonijiet nostrani dwar dan ir-reat ta' mizappropjazzjoni senjatament il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Grech** deciza fit-22 ta' April 2009 li ghamlet referenza ghall-awtur Taljan **Luigi Maino** fejn dan spjega li:

***"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e ` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta `, a scopo d' indebito profitto per se ` o per un terzo, il dolo sara ` costituito dalla volontarieta ` della conversione con scienza della sua illegittimita `, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d' un diritto***

*proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l' esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l' operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel*

*lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l' incaricato di esigere l' importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciza nhar l-14 ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciza nhar il-25 ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 1997).

Illi l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat gew diskussi fil-kawza bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Joanne Sciberras</u> deciza nhar l-10 ta' Jannar tas-sena 2018 li giet ikkwotata s-sentenza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs**</u>

<u>Charles Abela</u> deciza nhar is-6 ta' Lulju tas-sena 2016 fejn intqal illi:

*"Ghar-rigward tar-reat ta' mizapproprjazzjoni referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni, fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:*

*"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

*...*

*Ir-reat ta' appropjrazzjoni indebita jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq ghax l-oggett li jkun jigi moghti lill-agent*

*volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta' jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu wkoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.*

*Antolisei jikkumenta illi:*

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell' abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio".*

Illi f'sentenza ohra mill-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Marbeck Cremona</u> deciza nhar il-15 ta' Frar tas-sena 2007 gie rilevat illi:

*"Skond gurisprudenza kostanti u anke' skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*

1. *Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula* con l' animo di spostarsi del possesso, *ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprjazzjoni indebita, imma s-serq.*

2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal- proprjeta' ghaliex f' dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita.*

3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli.*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu l-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew ibieghha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor."*

Illi fir-rigward tal-element intenzjonali sabiex tinstab htija f'dan ir-reat l-awtur Taljan Maino jirrileva illi:

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d' indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d' un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di*

*elemento intenzionale. [...] Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' (come nel furto e nella truffa) l' animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l' esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l' operaio che avenda ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l' incaricato di esigere l' importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel*

*richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi l-istess hsieb gie enuncjat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **The Police vs Artur Arakelyan** deciza nhar is-17 ta' Lulju tas-sena 2013:

*"Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others[1]."*

Illi ghalhekk jekk wiehed janalizza l-ligi u l-gurisprudenza hawn fuq citata, wiehed jinduna illi dan ir-reat huwa ferm distint mis-serq u mill-frodi u dan peress illi fil-mizappropjazzjoni r-reat isehh meta wiehed jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd,

[1] Emfazi ta' din il-Qorti.

bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi ghalhekk kjarament ir-reat ta' mizappropr jazzjoni japplika ghall-kaz *de quo* u dan stante l-fatt li jidher bic-car mill-atti processwali li l-investiment tal-konjugi Camilleri ntuzaw sabiex jinxtraw ishma u stocks. Ix-xhieda moghtija minn Romuald Attard hija krucjali. Referenza qieghda ssir a fol. 189 tal-atti processwali. Il-Qorti ghandha konferma li granet wara l-firma tal-iskrittura l-ammont ta' ghaxart elef u hmistax-il Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm10,015.21) intuzaw sabiex jigu investiti mal-Global Capital Financial Management Limited.

Illi di più referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija minn Stephanie Critien fejn ikkonfermat li fix-xahar t'Awwissu tas-sena 2006 inxtraw diversi ishma mill-akkuzat fl-ammonti ta' dsatax -il elf u disa' mija u disgha u hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu

(Lm19,959.50) u dak ta' disat elef u disa' mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm9,927.50)[2].

Illi l-imputat xehed diversi drabi matul dawn il-proceduri, u bl-ammissjoni tieghu stess kien anke pprezenta dokumenti li juru li fil-granet wara li giet iffirmata l-iskrittura bejn il-partijiet, l-akkuzat kien anke kompla jhallas id-djun li kellu ma' terzi persuni biex b'hekk ghen lil haddiehor jaghmel il-qligh minn fuq dahar il-vittmi. Ghandu jinghad ukoll li mill-istess xhieda, l-akkuzat bl-ebda mod ma kkonvinca xejn lil din il-Qorti li l-flus li investew il-vittmi ntuzaw sabiex jinxtraw prodotti minn azjendi esteri. Di fatti l-Qorti tinnota li maggor parti tad-dokumenti li juru xi tip ta' xiri ta' prodotti huma abbinati ma' dati li jipprecedu z-zmien tal-iskrittura tal-kaz *de quo* u kwindi m'ghandhom ebda relevanza!

Illi ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija fir-rigward tat-tieni (2) akkuza kif dedotta kontra l-imputat.

<u>**IKKUNSIDRAT**</u>

[2] Fol 252 tal-atti processwali.

Illi ghar-rigward il-piena l-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Din it-teorija giet anke ppronunzjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francis Bonnici*** deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

*"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra, hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika … li dan is-servizz pregjevoli … jigi amplifikat b' gusta mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs George Zammit*** deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

*"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjeta ` tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu,*

*bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta' inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjeta` biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta` u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Dean Micallef*** deciza fil-11 ta' Lulju 2024 fejn inghad hekk:

> *"Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*
>
> > *"Din il-gurisprudenza ormai ben kristallizzata u accettata in linea ta' principju fil-gurisprudenza taghna, tghallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell*

*ghandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-kazijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispozizzjonijiet tal-ligi. Dan il-principju kien gie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-kaz Il-Pulizija vs. Joseph Attard moghtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:*

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.""*

*Illi jkun opportun li jigi nnutat li l-piena ma ghandhiex l-iskop ta' tpattija minn naha tas-socjeta' kontra min iwettaq ir-reat izda ghandha l-iskop li teduka u tirriforma lill-hatja ta' reati halli dawn jkunu jistghu jergghu jigu reintegrati*

*fis-socjeta' u b'hekk ikunu ta' kontribut ghas-socjeta'. B'hekk il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino (Numru 243/2019) fejn dwar il-principju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

> *"12. [...] Dan peress li l-gustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*
>
> *(a) Retributtiv;*
> *(b) Preventiv; u*
> *(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.*
>
> *13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni*

*tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza' li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga' jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minhabba l-biza' li tehel il-piena, persuna tigi mgieghla tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz.*

*15. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza' li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma' dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun*

*lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga' jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-ligi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biza' mill-piena minhabba li l-ligi penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita' dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill-kollettivita' milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.*

*16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita' in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."*

…

*Illi mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx ghandha aktar xi tghid ghajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-*

*appellant instab hati. Il-Qorti zzid tghid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet wahda legalment u ragonevolment valida, mhux "manifestly excessive" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li taghhom huwa nstab hati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raguni li tista' twassalha sabiex titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha maghmula, liema piena ghalhekk ghandha tibqa' invarjata."*

Illi din il-Qorti sejra taghmel taghha r-ragunament ta' din is-sentenza.

Illi ghalhekk hija fl-umli fehma ta' din il-Qorti li piena ta' karcerarja effettiva mhix idonea sabiex issehh il-gustizzja b'mod specjali fil-konfront tal-vittmi. Il-Qorti tifhem ukoll is-sitwazzjoni tal-imputat fejn hareg bic-car fit-testimonjanza tieghu li mis-sena 2006 in-negozju beda sejjer lura sal-punt li tali negozju kellu jigi tterminat fis-sena 2009. Ghalhekk piena karcerarja zgur mhux ser taghmel gid lill-istess akkuzat iktar u iktar jekk huwa bi hsiebu jkompli jipprova jlahhaq ma' kwalunkwe dejn pendenti.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 293 u 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-akkuzat **Raymond Galea** hati tat-tieni (2) akkuza u tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal tliet (3) snin filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti spjegat lil **Raymond Galea** bi kliem car ir-responsabbilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Finalment u a bazi tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat qed jigi kkundannat ghall-hlas lura tal-flejjes ammontanti li ghandu jaghti l-imputat lill-parte civile.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**